MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 841/2001/1

**J & A Bonnici Ltd**

**Vs**

**Sun Chemicals Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundanata li thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u hamsa u sebghin lira u hamsin centezmi rapprezentanti prezz ta’ Surf E1 Cartoons mahdumin mis-socjeta’ attrici fuq l-inkarigu u l-istruzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 5 ta’ Novembru, 1999 u 7 ta’ Awissu 2001 u tac-cedola ta’ depozitu maghmula kontestwalment ma’ dan l-Avviz u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-ewwel ittra

ufficjali u cioe' 16 ta' Novembru 1999 sad-data tal-hlas effettiv u bis-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 9 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija mahduma mill-kumpanija attrici ma saretx skond l-ordni tal-kumpanija konvenuta;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumpanija esponenti m'ghandha taghti xejn lill-kumpanija konvenuta;

3. Illi kien gie suggerit bejn il-partijiet li l-kumpanija attrici tinsa' din il-kwistjoni u l-kumpanija konvenuta tibqa' taghti x-xoghol lill-kumpanija attrici biex b'hekk tirkupra t-telf taghha minn din l-ordni. Illi l-kumpanija konvenuta tacitament accettat dan il-ftehim meta accettat minghand il-kumpanija attrici xoghol ta' 'l fuq minn tletin elf lira Maltija (Lm30,000), liema xoghol thallset ghalih. Kien biss wara li l-kumpanija attrici thallset ghal dan ix-xoghol li fethet il-kawza odjerna.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Carmel Bonnici</u> (fol 13, 35 u fol 41 et seq ibid) spjega li s-socjeta' attrici li taghha hu Direttur kienet ilha madwar ghoxrin sena li tigi inkarigata minn dik konvenuta sabiex tesegwixxi xoghol ta' manifattura ta' 'carbon boxes' kif ukoll tal-istampar fuqhom ta' dak kollu mehtieg fuqhom. In rigward dan il-kaz, id-defunt Benny Grech f'isem is-socjeta' konvenuta u dan wara li ntalbet 'quotation' in konnessjoni ma mitt elf (100,000) 'carton' in konnessjoni mal-prodott tas-socjeta' konvenuta bl-isem ta' 'Surf', id-detergent maghruf "u bhala referenza tani Surf E1

‘carton’”. Dwar din l-ordni x-xhud spjega illi l-kliem ‘E1’ kienu jirreferu “…… ghas-‘size’ tal-pakkett, kif ukoll”. Din ma kienetx l-ewwel darba li kellna ordni mis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ ‘cartons’ ta’ Surf E1”. Eventwalment, wara xi negozjati dwar il-prezz, l-istess Benny Grech kien bghat l-hekk imsejjha, ‘purchase order’ (ara fol 20 ibid) minn fejn jirrizulta b’mod car, illi s-socjeta’ konvenuta ordnat 75,000 ‘unit’ ta’ ‘Surf E1’ bil-prezz ta’ Lm19.80 kull wiehed u meta kkonferma din l-ordni tnizzel ‘as per artwork supplied’. Di fatti l-ordni kollha giet esegwita u l-‘cartons’ ntbaghtu lis-socjeta’ konvenuta. Izda “wara xi siegha” b’referenza ghall-konsenja l-ordni kollha ntbaghtet lura mis-socjeta’ konvenuta ghax giet irrifjutata “minghajr ma qalli x’kienet ir-raguni”. Sussegwentament l-istess Benny Grech kien informah verbalment permezz tat-telefon, illi “ il-pakketti ma kienux tajbin ghax huma dak il-‘print’ ma kienx ghadhom juzawh. Jiena din ma kontx nafha”. Ix-xhud kompla billi spjega illi precedement ordnijiet bhal dik in esami, kienu diga gew esegwiti mis-socjeta’ attrici hu inkariga ta’ dik konvenuta u fil-pussess tal-istess socjeta’ attrici, kien hemm di gja “l-‘films’ sabiex ikun jista’ jsir l-istampar” liema pellikoli jinghataw mill-klijent stess.” (ara l-anness Dok CBIa fol 18 ibid bil-pellikola relattiva a fol 43 ibid). Dwar dan ix-xhud sostna illi “…… ma kontx naf li kien tbiddel id-disinn tal-‘carton’”. Dan kollu gie spjegat lil Benny Grech. Di fatti kien intbaghat lis-socjeta’ attrici il-“’film’ il-gdid” u a bazi ta’ dan kienet saret it-tieni ordni (ara l-anness Dok CB2 a fol 19 ibid) kif risultanti mill-‘purcahse order’ a fol 21 ibid, fejn jinghad “we confirm our booking for 75,000 Surf E1 as per artwork supplied” (ara l-pellikola relattiva a fol 43 ibid). Hawnhekk jigi notat illi hemm il-kelma “wara” specifikament u mizjuda. Dwar din it-tieni konsenja kien sar il-pagament dovut waqt li l-ewwel ordni kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta’ attrici minghajr ma sar l-ebda pagament. Ghalhekk kienu ntbaghtu diversi ittri li huma esebiti a fol 22 sa fol 28 ibid. Evantwalment kienet saret laqgha mill-partijiet involuti u kienet saret proposta mis-socjeta’ konvenuta kif indikata a fol 15 dwar liema proposta “……qatt ma tordna decizjoni”. Pero’ xorta wahda s-socjeta’ konvenuta kompliet taghti ordnijiet lis-socjeta’ attrici fuq bazi ta’ kompetitivita. In kontro esami u

dwar l-ordni li ma gietx accettata is-socjeta’ konvenuta, ix-xhud sema’ illi “Qabel ma giet konsenjata l-ordni ma baghtna l-ebda kampjuni tax-xoghol………”Di fatti ma kien hemm “l-ebda uzanza jew drawwa” li jintbaghat tali kampjuni jew prova. In oltre, l-istess ordni kienet giet eventwalment depositata fir-registru ta’ din il-Qorti izda f’idejn terza persuna (ara fol 37 u fol 38 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, prodott mis-socjeta’ konvenuta, gie prodott Pippo Psaila (fol 48 et seq ibid) li spejga li meta kienet saret il-konsenja, instab li l-pakketti konsenjati kienu minghajr ‘il-mewga’ u din kienet l-unika raguni ghal dan ir-rifjut da parti tas-socjeta’ konvenuta. In oltre dwar din l-ordni rifjutata kienet saret laqgha ta’ rikonciljazzjoni u li fiha kienet inghatat “ordni ulterjuri” lill-istess socjeta’ attrici b’valur ta’ Lm30,000 u dan “…… sabiex inzommu relazzjonijiet tajbin mas-socjeta’ konvenuta”. Pero’ immedjatament hu semma’ “In oltre saret ordni mill-istess socjeta’ konvenuta …….. ghall-bastun iehor li ma kienx mehtieg minna …….. (liema bastun) ordnat fil-fatt ghadu ‘in storage’”. Jigi notat, pero’, illi meta xehed, in kontro esami, dan ix-xhud qal “Hawnhekk issirli referenza, fil-fatt ghall-ordni kif saret originarjament fid-29 ta’ April, 1998 u li tinsab a fol 20, fejn m’hemmx indikata l-ebda “wave “Jiena ma nafx, fil-fatt, jekk kienetx l-ordni originali skond id-dokument a fol 20 u mbaghad saret ordni sussegwenti skond il-fax a fol 21”. Dwar il-laqgha ta’ rikonciljazzjoni gja imsemmija, hu qal “forsi ma sarx ftehim” izda nghatat “……. ordni ulterjuri lis-socjeta’ attrici” u “ fil-fatt l-ordni ulterjuri saret “(“sabiex jitnehha ….. il-‘bad blood’ bejnietna”) xi granet wara dan il-‘meeting’, pero’ ma sar ebda ftehim bil-mitkub”.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif riassunt hawn fuq jidher car illi :-

a) Is-socjeta’ attrici kienet inghatat l-inkarigu minn dik konvenuta a bazi tad-dokument esebit in att a fol 20.

b) Dan id-dokument, sottomessi mill-istess socjeta’ konvenuta jistipula illi s-socjeta’ attrici ghandha tikkonsenja lil dik konvenuta 75,000 il-pakkett tal-prodott ossia detergent ‘surf’ bil-qies ta’ kull pakkett indikat bhala E1.

c) Effetivament is-socjeta’ attrici esegwiet dan ix-xoghol kif miftiehem bejn il-partijiet u dan gie konsenjat skond l-istess ftehim minghajr ebda lment dwar il-kwalita tax-xoghol izda xorta wahda ippruvat mis-socjeta’ konvenuta.

d) Kien fi stadju ulterjuri wara li saret il-konsenja tax-xoghol maghmul skond kif pattwit illi s-socjeta’ konvenuta sostniet illi l-pakketti kellhom jkunu “bil-mewga” ossia “wave” u di fatti kien sar ftehim iehor kif jidher mid-dokument a fol 21 tal-atti, hemm xoghol gie wkoll esegwit u konsenjat kif kien gie miftiehem bejn l-istess partijiet.

e) Fid-dawl ta’ dak premess ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi jew bazata fuq xi fatt sabiex is-socjeta’ konvenuta setghet tikkontesta l-konsenja tal-prodotti, kif originarjament miftehma jew il-hlas tal-prezz relattiv.

f) In oltre jigi sottolineat li mill-istess provi ma irisultax b’mod car u evidenti fuq bazi ta’ probabilita’ illi s-socjeta’ atttrici b’xi mod irrinunzjat ghall-hlas tal-ammont pretiz fl-avviz.

Jigi rilevat illi seta’ kien hemm proposta, f’dan is-sens, maghmula mis-socjeta’ konvenuta izda, kif xehed l-istess Carmel Bonnici, qatt ma kienet ittiehdet decisjoni min-naha tas-socjeta’ attrici dwar din il-proposta u ghalhekk kemm ‘de facto’ kemm ‘ex lege’ ma gietx accettata minnha. Jigi rilevat illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, tah ftehim, kieku sar kellu jsir bil-miktub peress li jammonta ghal ‘compromised’ ossija “transazzjoni” kif regolat mill-artikolu 1233(1) (d) fil-Kodici Civili

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundana lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm1,775.50,0 ossija €4,135.80 bl-imghax legali mis-16 ta’ Novembru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inklusi dwak tal-ittri ufficjali tl-5 ta’ Novembru, 1999 u tas-7 ta’ Awissu, 2001 u tac-cedola ta’ depositu tat-3 ta’ Ottubru, 2001 msemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------